

# Bidu tad-Devozzjoni lejn Santa Tereża l-Kbira ġewwa Malta

## *375 sena tal-Kwadru titulari u 60 sena tal-Istatwa titulari fil-Knisja ta' Santa Tereża ġewwa Bormla*

P. Martin Borg OCD



X'aktarx li l-ewwel ħjiel ta' tagħrif fuq Santa Tereża ta' Ġesù f'Malta kien ġewwa Ħaż-Żebbug. F'vista Pastorali li kienet saret ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbug fi tmiem is-seklu sittax, jiġifieri ftit snin wara il-mewt tal-Qaddisa tissemma fost l-oħrajn ittra awtografa ta' din il-Qaddisa Spanjola tas-seklu sittax. Din l-ittra x'aktarx intilfet, imma fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa l-istess Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbug għad hemm kwadru laterali li jirrappreżenta lil Santa Tereża ta' Ġesù.

Kienu iżda l-Patrijiet Karmelitani Skalzi li xettlu u xerrdu l-vera devozzjoni lejn din il-qaddisa Kbira li għexet għal aktar minn kwart ta' seklu ta' soru Karmelitana fil-kunvent tal-Inkarnazzjoni barra s-swar ta' Avila fi Spanja tas-seklu sittax, hekk li l-istess esperjenza tagħha tal-ħajja Karmelitana mlietha bl-ispirtu qawwi tal-Profeta Elija u dak Marjan tal-Karmelu, biex imbagħad setgħet tidħol għal biċċa xogħol daqshekk iebsa li tirriforma l-Ordni Karmelitan.



L-Isqof ta' Malta Baldassare Cagliares flimkien mal-familja tiegħu l-aktar ta' oħtu Beatriċe kellhom ikunu l-ikbar benefatturi tal-Karmelitani Skalzi f'Malta. L-Att pubbliku li kien ippubblikat fil-kurja tal-Isqof il-Belt Valletta fil-11 ta' Diċembru 1625 juri li l-Isqof innifsu għas-spejjeż tiegħu xtara mingħand il-Kavallier *Fra Claude De Coasse Dumesnil*, biċċa art kbira flimkien ma' xi djar u ġonna oħra ġewwa Burmula u tahom lill-Karmelitani Skalzi ***...sabiex ikunu jistgħu jibnu***

***monasteru u knisja ddedikata lil Alla li jista' kollox, lill-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmnu u lis-Serafika Santa Tereża ta' Ġesù għal qima lil Alla u għal ġid spiritwali tal-poplu ta' dawn il-gżejjer.***

Il-biċċa art li fuqha kellhom jinbnew il-Knisja u l-kunvent ġewwa Burmula kienet dak iż-żmien fil-limiti tal-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, fejn kienet għadha qed tifforma belt ġdida li llum nafuha bħala *Bormla* jew *Cospicua*. Sar xi tibdil fuq il-bini li kien diġà jeżisti fil-post u twaqqfet ukoll kappella provviżorja. L-Isqof Cagliares innifsu ċċelebra l-ewwel quddiesa Solenni tiegħu f'din il-kappella nhar id-9 ta' Jannar 1626.

Konxji tal-fatt li kellhom jiddedikaw il-knisja ġdida tagħhom lill-Madonna u lill-Santa Tereża ta' Ġesù, il-patrijiet għażlu bħala suġġett għal kwadru titulari fuq l-artal Maġġur tal-Knisja, l-estasi ta' Santa Tereża, li kienet ġrat nhar il-festa tal-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema tas-sena 1661 fil-knisja tad-Dumnikani ta' San Tumas ta' Avila. F'dan il-kwadru kbir impitter mill-Kavallier *Fra Lucas Garnier* li kien attiv f'Malta f'nofs is-seklu 17, fil-fatt huwa pinġa dan il-kwadru madwar is-sena 1640, naraw lill-Madonna qiegħda tpoġġi kullana tad-deheb u ħaġar prezzjuż madwar għonq il-qaddisa bħala sinjal tal-protezzjoni tagħha. San Ġużepp għandu wkoll post prominenti fil-kwadru fejn jidher qiegħed ipoġġi mantell ta' bjuda li tgħammex li Santa Tereża nnifisha tiddeskrivi f'din il-viżjoni. Dan il-kwadru kbir kien ġarrab ħsara kbira fi żmien it-tieni gwerra dinjija.



Fl-1922 l-istatwarju *Karmenu Mallia*, imlaqqam il-Lhudi ħadem Statwa fil-kartapesta li tirrappreżenta lil Santa Tereża għall-Knisja tagħna ta' Bormla biex tintuża fl-okkażjoni tat-tielet Ċentinarju tal-Kanonizzazzjoni tal-Qaddisa f'Ottubru 1922. Għal dik l-okkażjoni din l-istatwa kienet intramat fil-knisja fuq il-pedestall u l-bradella tal-istatwa famuża tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla.

Sfortunatament din l-istatwa messha l-istess xorti tal-kwadru titulari. Minħabba il-biża tal-gwerra, il-patrijiet ħaduha magħhom fejn kienu refuġjati ġewwa Ħaż-Żebbuġ, fejn inqerdet għalkollox waqt attakk qalil mill-ajru nhar id-29 ta' April 1941, dakinhar kienet ġrat it-traġedja tat-tliet studenti Tereżjani fejn tilfu ħajjithom mirduma ġo xelter fejn kienu qegħdin jistkennu.

Wara l-gwerra meta l-patrijiet reġgħu lura lejn il-kunvent ta' Bormla ħasbu biex jagħmlu waħda ġdida, għalhekk ġie mqabbad l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri biex jagħmel statwa ta' Santa Tereża u li għadha teżisti sallum. Din illum tintrama barra fil-jiem tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa B'Kara. Hija statwa medjokri għall-aħħar mingħajr irfinatura u żgur li ma kinetx tixraq li tkun vara titulari għall-Knisja ta' Santa Tereża ġewwa Bormla.

L-Istatwa titulari li hemm illum inħadmet mill-Bormliż *Ġużeppi Caruana*, magħruf bħala *il-Marċjol* u kienet tbierket mill-Provinċjal ta' dak iż-żmien *Patri Wiġ ta' Kristu*

*Re* nhar it-3 ta' Ottubru 1954. Hija statwa mill-isbaħ maħduma fuq l-oħra li hemm fil-Bażilka tal-Vatikan maħduma minn *Filippo Valle*. Kienet swiet disgħa u erbgħin lira sterlina. Il-pedestall tagħha nħadem f'Bolzano l-Italja mid-ditta *Vincenzo Moroder e Figli Scultori* fl-1958 fuq id-disinn tas-surmast Gużeppi Caruana. Il-bradella nħadmet fuq id-disinn ta' *Ġużeppi Decelis*. Id-dijadema tagħha saret tal-fidda fuq disinn tal-Bormliż *Abram Gatt*. Kienet swiet tmenin lira sterlina u ħallsuha t-terzjarji irġiel ta' Bormla fl-1922. Il-pinna f'id il-qaddisa u l-vleġġa f'id l-anġlu huma tad-deheb u ħallsithom is-Sinjura *Carmela Said Cordina*. Is-salib u l-lazz tad-deheb li jintlibsu fil-jiem tal-festa kienu tal-Kanonku tal-kolleġġjata ta' Bormla *Dun Anton Zammit*, li kien Terzjarju Tereżjan.







